MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 721/2008

**Malta School of Flying Company Limited (C33760)**

**vs**

**Rodrigo Munoz De Francisco detentur ta' Passaport Spanjol bin-numru AA543781**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici Malta School of Flying Company Limited (C – 33760) datat 17 ta' Lulju 2008 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi s-socjeta' attrici hija wahda li tipprovdi servizzi in konnessjoni mal-avjazzjoni liema servizz jinkludi ukoll il-*'flight instruction'*, kiri tal-ajruplani, *'air taxi'*, *'air cargo'*, fotografija mill-ajru u sorveljanza fost affarijiet ohra;

Illi l-konvenut, li huwa cittadin Spanjol, kien impjegat fuq bazi full-time mas-socjeta' attrici bhala *JAA Flight Aviation Instructor and Commercial Pilot,* u dan permezz ta' kuntratt ta' impjieg li huwa anness u mmarkat bhala Dok. 'A', u liema kuntratt huwa datat 23 ta' Lulju 2006 u kellu jittermina fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru 2007;

Illi fost id-doveri li kellu l-konvenut huwa kellu jghallem ghoxrin student part-time li kienu qed jaghmlu l-*'aviation training'* mas-socjeta' attrici;

Illi l-konvenut kien l-uniku *aviation instructor* li kellha s-socjeta' attrici f'dan iz-zmien partikolari peress li kien hemm persuni ohra Maltin li kienu ghadhom qed jaghmlu l-kors sabiex jilhqu *aviation instructors*;

Illi l-konvenut, minghajr ebda pre-avviz ta' xejn, qabad u telaq mix-xoghol u minn Malta fl-ewwel (1) ta' Gunju 2007 u dan bi ksur lampanti tal-kuntratt ta' impjieg *de quo* u ha mieghu ukoll oggetti li kienu tal-istess socjeta' attrici;

Illi minhabba l-agir abbusiv u llegali tal-konvenut is-socjeta' attrici sofriet ammont konsiderevoli ta' danni liema danni kienu jeccedu l-hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin ewro centezimu (€11,646.87) u liema danni se jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi in oltre flimkien ma' dawn id-danni s-socjeta' attrici hija ntitolata ghall-hlas ta' penali ta' tlieta u ghoxrin elf u mitejn u tlieta u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezimu (€23,293.73) skond il-klawsola numru 8 tal-kuntratt *de quo*;

Illi l-kovenut gie interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni u sabiex jirritorna l-oggetti li kienu proprjeta' tas-socjeta' attrici izda huwa baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet premessi s-socjeta' rikorrenti talbet li din il-Qorti:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut kiser il-kuntratt t'impjieg iffirmat bejnu u s-socjeta' attrici datat 23 ta' Lulju 2006;

2. Tordna lill-konvenut jirritorna dawk l-oggetti li huwa ha mieghu meta telaq minn Malta, liema oggetti huma proprjeta' tas-socjeta' attrici;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur a kawza ta' dan l-agir abbusiv u illegali inkluz il-hlas tal-penali skond l-artikolu 8 tal-kuntratt datat 23 ta' Lulju 2006;

4. Tikkundanna lil-konvenut ihallas lill-attrici s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u l-imghax.

Rat il-lista ta' xhieda u elenku ta' dokumenti anness mal-istess.

Rat li l-istess kawza b'digriet data 25 ta' Lulju 2008 giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Novembru 2008.

Illi fir-risposta guramentata tal-intimat Rodrigo Munoz De Francisco datata 15 ta' April 2009 (fol. 63) eccepixxa li:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex fl-ewwel lok kienet is-socjeta' rikorrenti nnifisha illi kisret il-kuntratt t'impjieg billi naqset li thallas lill-intimat fiz-zmien stipulat fl-istess kuntratt u anki billi naqset li tipprovdi lill-istess intimat b'kundizzjonijiet tax-xoghol adegwati u ta' sigurta';

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, ir-rikorrent (sic) talab ix-xoljiment tal-kuntratt b'mod amikevoli diversi drabi u s-socjeta' rikorrenti baqghet inadempjenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jinghataw waqt il-prosegwiment tal-kawza.

Rat il-lista ta’ xhieda annessa mal-istess risposta.

Rat il-verbali kollha tas-seduti quddiem din il-Qorti mit-12 ta’ Novembru 2008 sal-1 ta’ Gunju 2009 fejn il-kawza giet mibghuta sine die (fol. 67).

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici datat 3 ta’ Gunju 2009 sabiex il-kawza tigi riappuntata ghas-smigh u d-digrieti kollha ta’ din il-Qorti nkluz dak datat 25 ta’ Settembru 2009 fejn il-Qorti laqghet it-talba u appuntat il-kawza ghas-smigh ghad-9 ta’ Dicembru 2009, u fejn fl-istess digriet gie nominat bhala Perit Legali Dr. Ian Vella Galea sabiex ifittex u jirrelata dwar il-partijiet legali tad-domandi attrici u wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet, jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz kollox kif jidher mill-istess digriet a fol. 105 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mid-9 ta’ Dicembru 2009 sas-seduta tal-15 ta’ Gunju 2010 fejn Dr. James Muscat Azzopardi irrunzja ghall-patroncinju tal-konvenut peress li vverbalizza li tilef il-kuntatt mal-klijent tieghu w l-Qorti ddikjarat il-provi maghluqa u ordnat il-Perit Legali jaghddi ghar-rapport (fol. 121).

Rat ir-rapport legali ta’ Dr. Ian Vella Galea datat 11 ta’ Novembru 2011 (fol. 125) liema rapport gie mahluf fis-seduta tad-19 ta’ Jannar 2011, u x-xhieda u d-dokumenti prodotti quddiem l-istess perit legali, nkluzi dawk migjuba fis-seduti tat-18 ta’ Dicembru 2009 u 14 ta’ Mejju 2010.

Rat l-affidavits kollha pprezentati mis-socjeta’ attrici nkluz id-dokumenti esebiti mal-istess.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Marzu 2011 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-15 ta’ Gunju 2011, u d-digriet ta’ din il-Qorti fejn il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghat-28 ta’ Gunju 2011.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed tallega li hija kienet timpjega lill-konvenut maghha bhala *JAA Flight Aviation Instructor and Commercial Pilot* skond kuntratt ta' impjieg datat 23 ta' Lulju 2006 (Dok. "A") u dan ghall-perjodu sat-23 Ottubru 2007 (Dok. "A"), izda li l-konvenut ma onorax ghaliex minghajr pre-avviz abbanduna l-istess xoghol fl-1 ta' Gunju 2007 b'dan li kawza ta' hekk is-socjeta' attrici sofriet danni fl-ammont ta' €11,646.87 u dan apparti li l-konvenut huwa minhabba tali abbandun obbligat li jhallas l-ammont ta' €23,293.73 in linea ta' danni u ghalhekk talbet li jigi ddikjarat li l-konvenut kiser il-kuntratt ta' impjieg imsemmi, tordna lill-konvenuti sabiex jirritorna l-oggetti li ha mieghu proprjeta' tas-socjeta' attrici; jigi likwidat l-ammont ta' danni kkawzat lis-socjeta' attrici li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lilha flimkien mal-ammont ta' penali.

Illi l-konvenut laqa' ghal tali azzjoni billi sostna li kienet is-socjeta' attrici li kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' impjieg ghaliex hija naqset li thallsu fiz-zmien stipulat fl-istess ftehim u naqset li tipprovdih b'kundizzjonijiet fejn huwa seta` jaghmel ix-xoghol b'mod adegwat u sigur; l-istess intimat talab li jkun hemm xoljiment tal-istess kuntratt bonarjament izda s-socjeta' attrici baqghet inadempjenti.

Illi mix-xhieda prodotti jirrizulta li Patrick Fenech**,** direttur manigerjali tas-socjeta' rikorrenti, xehed illi l-intimat gie impjegat mas-socjeta' rikorrenti bhala *"flight instructor* u *commercial pilot"* ghall-perjodu ta' 14 il xahar skond kuntratt ta' impjieg (Dok. "AC1" - fol. 4) u li l-intimat telaq minn Malta minghajr ma ta notifika jew avviz u ghalhekk ma onorax il-kuntratt t'impjieg tieghu u b'hekk l-operat tas-socjeta' rikorrenti gie pparalizzat in kwantu l-intimat kien l-uniku pilota licenzjat impjegat mas-socjeta' rikorrenti f'dak il-perjodu.

Illi inghad li ghalkemm l-intimat qatt ma lmenta mas-socjeta' rikorrenti matul l-impjieg tieghu, dan ma deherx ghal titjira li kellu ma` student nhar 3 ta' Gunju 2007 u

minkejja li s-socjeta' rikorrenti ppruvat tikkomunika mal-intimat, nkluz permezz ta' e-mail (Dok. "C" – fol. 84), ma kien hemm ebda risposta.

Illi l-istess xhud spjega li b'rizultat ta' l-imsemmi agir ta' l-intimat is-socjeta' rikorrenti sofriet danni sostanzjali peress li ma setghetx tonora l-obbligi taghha u kif ukoll sofriet telf ta' xoghol in kwantu kellha tirrifjuta xoghol bhal titjiriet ta' tahrig u titjiriet ghal fotografija mill-ajru, u a propositu gew esebiti diversi *emails* mibghuta lis-socjeta rikorrenti b'ilmenti mill-istudenti ta' l-istess socjeta' wara t-tluq ta' l-intimat (Dok. "D"  - fol. 87 sa 89). Gie spjegat illi kumpanija tad-daqs tas-socjeta' rikorrenti normalment ikollha pilota wiehed, u f'kazijiet partikolari tnejn.

Illi s-socjeta' attrici kkwantifikat id-danni minnha sofferti b'rizultat ta' l-agir tal-intimat fl-ammont ta' €17,120.80 kif jirrizulta mir-rapport mhejji minn Chris Tonna, *accountant* tas-socjeta' rikorrenti, anness ma' l-affidavit ta' Patrick Fenech (Dok. "H"). Patrick Fenech xehed illi ghen lil *accountant* Chris Tonna sabiex ihejji dan ir-rapport in kwantu n-natura specifika tax-xoghol tas-socjeta' rikorrenti. Hu spjega illi wasal ghall-ammont imsemmi billi kkunsidra l-*instructors* kollha li kienu jahdmu mal-kumpanija fil-passat, eskluz wiehed minnhom li kien gie ghal temp ta' xahar, ivverifika l-ammont ta' *flight hours* li ghamel kull *instructor* tul iz-zmien li kien impjegat mal-kumpanija u b'hekk ikkalkula l-*average* ta' sieghat ghal kull xahar li hadmu l-*instructors*, liema *average* huwa ta' 39.6 siegha, minn Jannar sa Dicembru. Huwa spjega wkoll li f'dan l-ezercizzju ha in konsiderazzjoni l-*average* tax-xhur ta' Gunju u Lulju in kwantu dawk kienu x-xahrejn matul liema s-socjeta' rikorrenti kienet minghajr *instructor* u xehed li l-*average* tax-xahar ta' Gunju kien ta' 42.2 siegha u ta' Lulju kien ta' 59.6 siegha, u dan ghaliex huma *'peak months'*, u ghalhekk it-total ghal dawn ix-xahrejn huwa ta' 101.8 siegha. Minn dan it-total kien hemm 65% tat-titjiriet b'ajruplan mod u 35% tat-titjiriet b'tip ta' arjuplan iehor, u ghalhekk Patrick Fenech spjega li mmultiplika 65% ta' 101.8 siegha bir-rata ta' Lm75 u 35% ta' 101.8 siegha bir-rata ta' Lm67, zied ir-rizultati u b'hekk wasal ghall-ammont ta' €17,120.80.

Illi Chris Tonna kkonferma illi hejja r-rapport imsemmija mmarkat bhala Dok. “H” skond l-informazzjoni moghtija lilu minn Patrick Fenech u kkonferma wkoll li fl-opinjoni tieghu dawn il-figuri huma ragjonevoli u dan anke b’referenza ghall-*averages* li gew mahduma u li ghalhekk l-ammont reklamat bhala danni huwa korrett.

Illi dwar it-tieni talba Patrick Fenech xehed illi mat-tluq tieghu minn Malta, l-intimat ha mieghu proprjeta’ appartenenti lis-socjeta’ rikorrenti minghajr permess, liema proprjeta’ kienet tinkludi *“Peltor Headset”*, *silver wings*, *kneeboard*, *charts*, ricevuti ta’ *fuel* u cwievet ta’ officini, lkoll ammontanti ghal madwar tell mitt Sterlina (£300). Kenneth Caruana, li kien jokkupa l-kariga ta’ direttur fis-socjeta’ rikorrenti fiz-zmien meta l-intimat kien impjegat ma’ l-istess socjeta’ rikorrenti, kkonferma din il-lista ta’ oggetti li ttiehdu mill-intimat.

Illi fl-ahharnett Patrick Fenech spjega li l-intimat ghandu jhallas ukoll l-ammont ta’ €23,293.73 skond kif pattwit fil-kuntratt t’impjieg mas-socjeta’ rikorrenti in kwantu huwa m’onorax l-istess kuntratt u dan skond il-klawsola 8 tal-istess (Dok. “AC” - fol. 4)

Illi ma` dan jinghad li Kenneth Caruana kkonferma li l-kuntratt t’impieg tal-intimat (Dok. “AC” - fol. 4) kien gie mhejji minnu u minn Patrick Fenech. Dan ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu fuq l-istess kuntratt u kkonferma wkoll illi l-intimat iffirma l-istess kuntratt fil-presenza tieghu. Jghid li l-intimat kien impjegat bhala *flight instructor* mas-socjeta’ rikorrenti u li r-relazzjoni mieghu kienet tajba hafna. Kenneth Caruana xehed illi kien insista mal-intimat li s-socjeta’ rikorrenti kienet tiddependi fuqu hafna ghal dan ix-xoghol u fil-fatt kien l-uniku *flight instructor* certifikat impjegat mas-socjeta’ rikorrenti. Ikkonferma dak li xehed Patrick Fenech u cioe’ illi sa fejn jaf hu, l-intimat qatt ma lmenta dwar xi problemi li kellu mal-kumpanija pero’ dan qabad u telaq fiz-zmien meta kien impjegat u dan minghajr ma tahom avviz u li wkoll li kienu ppruvaw jghamlu kuntatt mal-intimat pero’ bla ebda rizultat.

Illi l-istess xhud Kenneth Caruana sostna li l-intimat telaq f'Gunju tas-sena 2007 u b'rizultat ta' dan, is-socjeta' rikorrenti tilfet l-istudenti u anke t-titjiriet u dan ghaliex kien l-uniku *instructor* u ma setghux jaccettaw studenti godda wara t-tluq tieghu sakemm sabu *instructor* iehor. Huwa spjega li kien hemm zewg studenti li bdew il-kors mas-socjeta' rikorrenti pero' sussegwentement marru ma' skola ohra u ghalhekk is-socjeta' rikorrenti tilfet introjtu ta' Lm5,000 kull student.

Illi jinghad ukoll li l-imsemmi Patrick Fenech xehed li l-intimat thallas ghax-xhur ta' Marzu u April 2007 permezz tac-*cheques* kopja ta' liema esebiti bhala Dok. "F" a fol. 94 u 96, filwaqt illi ghax-xahar ta' Mejju ma kienx hemm hlas in kwantu l-intimat ma gabarx ic-cheque. Dawn il-hlasijiet gew ikkonfermati minn Kenneth Caruana li spjega illi dawn inhargu minnu.

In kontro ezami Patrick Fenech cahad illi s-socjeta' rikorrenti naqset milli thallas xi pagi jew *allowances* dovuti lill-intimat u spjega illi l-intimat kien jithallas b'lura, telaq fl-ewwel gimgha ta' Gunju u naqas milli jigbor ic-'cheque' ghax-xhur ta' April u Mejju 2007 u dan ghaliex il-hlas kien isir ghax-xahar ta' April fl-ahhar ta' Mejju.

Patrick Fenech spjega illi kull meta l-intimat talab *'leave'* huma dejjem ikkoncedewh u meta ried imur Spanja ghal xi *'interviews'* ma` kumpaniji ohra huma ma oggezzjonawx u in oltre awtorizzawh jiehu *'leave'* anke f'granet ulterjuri.

Illi jinghad li Patrick Fenech cahad ukoll li l-intimat hadem sieghat twal izjed milli kellu jahdem u cahad li ma saritx manutenzjoni fuq l-ajruplani tas-socjeta' rikorrenti. Zied jghid ukoll li l-intimat ma gibdilhomx l-attenzjoni dwar il-htiega ta' xi manutenzjoni.

Illi l-intimat ma ressaq l-ebda prova sabiex jikkontradici dan, u lanqas in sostenn ta' l-eccezzjonijiet tieghu, u b'digriet datat 15 ta' Gunju 2010 il-provi gew iddikjarati maghluqa wara li Dr. James Muscat Azzopardi informa lid-difensur tas-socjeta' attrici li kien ser jirrinunzja ghall-

patroncinju peress li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni mill-konvenut mieghu, tant li fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2010 huwa kkonferma li kien ipprova jikkomunika mal-konvenut diversi drabi pero' minghajr ezitu. B'hekk il-konvenut ma pprezenta l-ebda accenn ta' provi.

Illi f'dan ix-xenarju din il-Qorti xorta wahda ser tikkonsidra l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-intimat eccepixxa li kienet is-socjeta' rikorrenti nnifisha li kisret il-kuntratt t'impjieg billi naqset li thallas lill-intimat fiz-zmien stipulat fl-istess kuntratt. Izda kif inghad l-intimat ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni filwaqt illi Patrick Fenech cahad illi s-socjeta' rikorrenti naqset milli thallas xi pagi jew *allowances* dovuti lill-intimat.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-klawsola numru 4 tal-kuntratt t'impjieg a fol. 4 tal-process tipprovdi *inter alia* illi:- *"Salary is paid at the end of each calendar month with one month delay."* Dan ifisser illi, kif spjega Patrick Fenech, *"il-hlas kien isir ghax-xahar ta' April fl-ahhar ta' Mejju."* In kontro ezami, Patrick Fenech xehed illi l-intimat telaq fl-ewwel gimgha ta' Gunju u naqas milli jigbor ic-*'cheque'* ghax-xhur ta' April u Mejju 2007. Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti din ix-xhieda hija kredibbli in kwantu l-paga ghax-xahar ta' April kienet dovuta fl-ahhar ta' Mejju u jirrizulta mill-provi illi l-intimat telaq ftit wara u cioe' fl-ewwel gimgha ta' Gunju, filwaqt li l-paga ghax-xahar ta' Mejju kienet ghadha mhix dovuta lill-intimat fiz-zmien meta telaq. Ghalhekk mill-provi prodotti ma jirrizultax illi s-socjeta' rikorrenti naqset li thallas lill-intimat fiz-zmien stipulat fil-kuntratt t'impjieg, u ghalhekk din il-parti tal-ewwel eccezzjoni tal-intimat qed tigi michuda.

Illi fl-istess eccezzjoni gie wkoll eccepit li s-socjeta' rikorrenti kisret il-kuntratt ta' impjieg in kwantu naqset li tipprovdi lill-intimat b'kundizzjonijiet tax-xoghol adegwati u ta' sigurta'. Hawn ukoll l-intimat ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni filwaqt illi Patrick Fenech cahad li l-intimat hadem sieghat twal izjed milli kellu jahdem u cahad li ma saritx manutenzjoni fuq l-ajruplani

tas-socjeta’ rikorrenti, u ghalhekk din il-parti tal-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda wkoll.

Illi l-intimat eccepixxa fit-tieni eccezzjoni tieghu li huwa talab ix-xoljiment tal-kuntratt b’mod amikevoli diversi drabi pero’ s-socjeta’ rikorrenti baqghet inadempjenti, izda dan ma gie sostanzjat bl-ebda mod, tant li l-intimat ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta’ din l-eccezzjoni u ghalhekk anke din it-tieni eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi kwantu ghat-talbiet attrici jinghad li hija qed titlob li jigi ddikjarat li l-intimat kiser il-kuntratt t’impjieg a fol. 4 tal-process. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet iffirmaw l-imsemmi kuntratt t’impjieg nhar it-23 ta’ Lulju 2006 u li skont il-klawsoli numru wiehed (1) u disgha (9) ta’ l-istess kuntratt l-intimat kien impjegat mas-socjeta’ rikorrenti ghal perjodu ta’ erbatax-il (14) xahar u ghalhekk liema kuntratt t’impjieg kellu jintemm nhar it-23 ta’ Settembru 2007. Patrick Fenech u Kenneth Caruana xehedu illi l-intimat ma deherx izjed ghax-xoghol u qabad u telaq minn Malta fl-ewwel gimgha ta’ Gunju 2007 minghajr ma ta l-ebda avviz u li ghalkemm ippruvaw jikkomunikaw mal-intimat, ma rcevew l-ebda risposta minghandu. Ghalhekk, mill-provi prodotti jirrizulta li l-intimat kiser il-kuntratt t’impjieg mas-socjeta’ rikorrenti datat it-23 ta’ Lulju 2006 u konsegwentement l-ewwel talba qed tigi milqugha.

Illi s-socjeta’ rikorrenti qed titlob ukoll li l-intimat jirritorna dawk l-oggetti li hu ha mieghu meta telaq minn Malta, liema oggetti huma proprjeta’ tas-socjeta’ rikorrenti. Mill-provi prodotti jirrizulta li mat-tluq tieghu minn Malta l-intimat ha mieghu proprjeta’ appartenenti lis-socjeta’ rikorrenti minghajr permess, liema proprjeta’ tinkludi *‘Peltor Headset’*, *silver wings*, *kneeboard*, *charts*, ricevuti ta’ *fuel* u cwievet ta’ officini. It-tieni talba qed tigi ghalhekk milqugha wkoll.

Illi dwar it-tielet u r-raba’ talbiet tas-socjeta’ rikorrenti, mill-provi prodotti jirrizulta li, kawza ta’ l-agir ta’ l-intimat li telaq minn Malta waqt l-impjieg tieghu mas-socjeta’ rikorrenti minghajr ebda avviz, is-socjeta’ rikorrenti sofriet danni fl-ammont ta’ €17,120.80 kif ikkwantifikati fir-rapport Dok.

“H” a fol. 98 *et sequitur* tal-process imhejji minn Chris Tonna u spjegat minn Patrick Fenech.

Illi minbarra dan, is-socjeta’ rikorrenti qed titlob ukoll il-hlas tal-penali fl-ammont ta’ €23,293.73 ai termini ta’ l-artikolu 8 tal-kuntratt t’impjieg. L-Artikolu in kwistjoni jaqra hekk: *“In the event that the employee decides to terminate his employment during the 14 month period of this contract, the company has the right to claim a nominal sum of MTL 10,000 (Ten thousand Malta Liri). ...”*. Illi kif gia inghad, jirrizulta illi l-intimat ittermina l-impjieg tieghu unilateralment fil-perjodu imsemmi u kwindi jikkonkorru l-elementi kkontemplati fl-artikolu 8 tal-kuntratt t’impjieg. Ghalhekk it-tielet u r-raba` talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha fl-ammont ta’ erbghin elf, erba’ mija u erbatax-il ewro u tlieta u hamsin centezmu (€40,414.53).

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut imressqa fir-risposta guramentata tieghu datata 15 ta’ April 2009, tilqa’ t-talbiet attrici** fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut kiser il-kuntratt t’impjieg iffirmat bejnu u s-socjeta’ attrici datat 23 ta’ Lulju 2006;

2. Tordna lill-konvenut jirritorna dawk l-oggetti li huwa ha mieghu meta telaq minn Malta, liema oggetti huma proprjeta’ tas-socjeta’ attrici, liema oggetti jikkonsistu f*‘Peltor Headset’*, *silver wings*, *kneeboard*, *charts*, ricevuti ta’ *fuel* u cwievet ta’ officini kif fuq indikat f’din id-decizjoni.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur a kawza ta’ dan l-agir abbusiv u llegali, inkluz il-hlas tal-penali skond l-artikolu 8 tal-kuntratt datat 23 ta’ Lulju 2006 fl-ammont ta’ erbghin elf, erba’ mija u erbatax-il ewro u tlieta u hamsin centezmu (€40,414.53) kif fuq f’din is-sentenza ikkalkolat.

3. Tikkundanna lil-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata fl-ammont ta’ erbghin elf, erba’ mija u erbatax-il ewro u tlieta u hamsin centezmu (€40,414.53).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------